MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 1353/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**VS**

**Eric Borg, iben Alfred Borg u Frances Borg xebba Micallef, imwieled Hat Attard nhar is-27 ta' Ottubru, 1974, residenti fil-fond numru 16, St Mary Street, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 533674M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Eric Borg** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, gewwa l-hanut bl-isem ta' Ultimate Food Store, sitwat fi Triq Dun Salv, Ciappara, Zebbug, Malta, u barra mill-fond imsemmi, u cioe' fl-istess triq, u

cioe’ Triq Dun Salv Ciappara, minghajr il-hsieb illi joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Melchiore Dimech, skont kif iccertifika Dr Kenneth Mifsud Med Reg No 3044 mill-Isptar Mater Dei.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:
Fl-Artikoli 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Xehed l-Ufficjal Prosekutur illi nvestiga dan il-kaz. S’intendi l-istess Ufficjal Prosekutur ma kinx prezenti ghall-incident innifsu, ha pero l-istqarrija tal-istess imputat, ezebita bhala Dok EB. Ezebixxa wkoll il-fedina penali tal-imputat bhala Dok EB1.

F’dan l-istadju ghandu jinghad illi in linea mad-decizjonijiet Kostituzzjonali tal-Qrati taghna (Privitera, Stevens, Calleja), din il-Qorti, wara li rat i-fedina penali, ser tiehu in konsiderazzjoni dak illi ntqal fl-istess stqarrija.

Ghalhekk l-imputat, investigat dak iz-zmien, moghti d-debita twissija skont il-Ligi vigenti dak iz-zmien, qal dwar l-incident in dezamina, illi hu flimkien ma’ martu u missieru, marru fil-hanut Ultimate Food Store. Dahlu hu u martu Rita. Missieru baqa’ barra. Qal illi hu kien impjegat mal-kumpanija The Real Food Packer. Darba li dahlu fil-hanut imsemmi, jghid illi staqsa lill-lavrant hemm prezenti jekk Melchiore kinx hemm.

Talab lil dan il-lavrant icempillu sakemm skondtu, kif kien il-ftehim bejniethom, jibda jigbor l-affarijiet minn gol-fridge.

Ghandu wkoll jinghad illi din il-kawza, kif ser jirrizulta mill-ezami tal ftit xhieda prodotti, ticcentra dwar glieda li nqalghet bejn l-imputat, martu, il-ferut Melchiore Dimech, u anke missier l-imputat, meta l-membri tal-familja Borg - allura tal-imputat, marru t-tlieta flimkien jigbru xi prodotti distribwiti mill-kumpanija gia’ msemmija minn gol-fridge, li l-istess kumpanija kienet tat lil Dimech biex iqiegħed fiha l-prodotti taghha.

Ghalhekk jghid l-imputat fl-istqarrija, illi l-kwistjoni fuq din il-fridge kienet bdiet meta l-kumpanija proprjetarja riedet tigbor il-fridge minghand dan Melchiore Dimech, gia’ allura gos-sit The Ultimate Food Store, ghax skont l-imputat, Dimech ma kinx - kif kien il-ftehim, qed imexxi x-xoghol tal-kumpanija.

Qal illi hu cempel lil Melchiore granet qabel, u ftehmu li kellu jghaddi l-lavrant tieghu jigbor il-fridge u l-prodotti. Kien pero cempillu l-lavrant u qallu li Melchiore ma ridx jaghtihielu din il-fridge. Zied ghalhekk illi meta cempel lil Melchiore, wara diskors mal-lavrant, jghid l-imputat – dejjem fl-istqarrija, illi mar hu stess ghand Melchiore u ftiehem mieghu li kellhom imorru ghall-fridge darb’ohra. Dak il-hin ftehmu ghas-Sibt. Jghid ghalhekk illi s-Sibt miftiehem marru hu, missieru, u ghaddew ix-xoghol mieghu. Hawn illetikaw ghaliex beda jghid dan Melchiore illi kien tahom erba’ cekkijiet meta skont Borg kien fil-fatt tahom biss tnejn. Qal illi beda jghajjarhom hallelin. Qal Borg illi hawn anke mbuttalu lil missieru fil-parapett. Telqu. Qal ukoll illi dan Dimech baghtlu wara e-mail, li kien ser jibda jiccargjahom ghaxar Ewro kuljum tal-ispazju li kienet qieghda tiehu l-fridge.

Qal ukoll illi l-ftehim dwar din il-fridge bejniethom kien illi l-kumpanija taghtihom il-fridge, u huma ma jdahhlu fiha xoghol ta’ hadd iktar. Ftakar illi gol-fridge kien hemm prodotti ta’ haddiehor.

Dwar l-incident in dezamina, qal illi hu lil Dimech ma kinx messu. Dahlu fil-hanut u bdew ibattlu l-fridge u jghoddu flimkien il-prodotti. Hawn jghid illi kienu hu u martu. Qal

ukoll illi dahal dan Melchiore wara ftit, u qabad lil martu Rita minn xagharha u tefaghha mal-art mal-ixkaffi. Qal illi mar iferraqhom biex ma jhallihx jaghti lil martu. Zied illi x'hin messu minn dahru, sija hu u l-lavrant tieghu bdew ituh. Imbuttawh 'il barra mill-hanut. Kif wasal mal-bankina waqa' u gew f'nofs ta' triq. Jghid illi spiccaw it-tnejn fuqu u li Melchiore hataflu subajgh u ghamillu girfa f'wiccu. Qal illi missieru mar biex iferraqhom, u Melchiore lil missieru hataflu n-nuccali. Ferrquhom in-nies.

Qal ukoll illi din il-fridge baqghet ghand Melchiore.

Qal ukoll illi x'hin Melchiore mar fuqu, hu biex jiddefendi ruhu pogga jdejh ma' wiccu u li kien hawn illi Melchiore gidimlu subajgh.

Innega li hu qatt mar ta daqqa ta' ponn lil Melchiore. Qal illi kien biss qabdu x'hin tefa' lil martu Rita mal-ixkaffa.

Minn naha tiehgu Dr Kenneth Muscat ikkonferma li Melchiore Dimech sofra griehi ta' natura gravi, kagun ta' blunt injury, in vista' li kellu l-ghadma ta' mniehru miksura, l-qarquca deviated. Gie ezebit ic-certifikat mediku Dok KM a folio 30.

Melchiore Dimech minn naha tieghu, ghazel illi ma jixhidx biex ma jinkriminax lilu nnifsu.

Wayne Balzan minn naha tieghu qal illi hu kien fil-hanut Ultimate Food Store fejn kien impjegat. Qal illi dahlet Mrs Borg li qaltlu li kienet ser tiehu l-affarijiet minn gol-fridge. Hu cempel lil Dimech, u dawn meta gie bdew jilletikaw bejniethom bil-kliem. Sema' lil Melchiore jghid illi s-Sinjura Borg li ma setghetx tohodhom ghax l-affarijiet kienu tieghu. Xehed illi l-glieda kienet fuq barra. Ma semax diskors. Rahom jiggieldu bl-idejn, jaghmlu kuntatt fiziku, bejn Dimech u Borg. Ma ra lil hadd pero jaghti lil xi hadd, pero kkonferma li kienu l-irgiel illi kienu qed jiggieldu. Ra lill-imputat jiggieled ma' Melchiore Dimech.

Nonostante li d-Difiza kienet tat x’tifhem illi kien anke ser jixhed l-imputat, dan fil-fatt ma garax. Pero tellghet id-Difiza lil mart l-imputat Rita Borg.

Din, kontrarjament ghal dak illi qal l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, xehdet illi hi kienet wahidha gol-hanut ta’ Dimech, tigbor il-prodotti biex tbattal il-fridge u jittiehdu l-istess prodotti.

Wasal dan Dimech. Xehdet illi huma marru ghall-prodotti taghhom biss bi ftehim ma’ dan Dimech.

Aktar tard tghid illi bdew jghoddu l-affarijiet, prezenti kien hemm certu Wayne. Fil-hanut xehdet illi dahlet hi biss. Xehdet illi meta wasal is-sid, illi hi ssejjahlu Malcolm (Melchiore ghalina), imbuttaha mal-ixkafef tan-Nivea. Qalet illi zewgha li kien barra u seta’ jara kollox, minhabba li l-hanut ghandu bieb kbir, dahal biex jiddefendieha. Qalet illi dan Malcolm qabadha minn rasha, taha daqqa go rasha li aktar tard (ghax xehdet darbtejn) tghid illi kien scanner. Qalet illi meta dahal zewgha, dan Malcolm imbotta anke lilu ‘l barra. Rat lil zewgha jaqa’ mal-art, semghet lil Eric – zewgha, jghajjat.

Qalet illi regghet dahlet gewwa biex tigbor il-mobile li kien waqaghlha. Kieh hawn illi Dimech beda jaghtieha.

Tghid illi minnu qalghet daqqa go rasha, tant illi anke rremettiet.

Rat anke lil Malcolm fuq zewgha Eric. Rat illi zewgha kellu wiccu, u subajgh bid-demm. Meta ndahal biex iferraq, Fredu – missier zewgha, qal illi dan Dimech remielu n-nuccali tieghu. Fil-konfront ta’ Wayne, xehdet illi anke dan kien sawwat lil zewgha flimkien ma’ Dimech is-sid. Rat lilhom it-tnejn jaghtu bis-sieq lil zewgha, u lil Dimech jigdem subajn zewgha.

Minn naha tieghu Alfred Borg, missier l-imputat, ukoll xehed dwar il-fatt illi marru jigbru l-oggetti - fridge, u l-affarijiet ta’ go fiha. Jghid illi hu baqa’ barra, dahal hemm Melchiore u minn hemm beda jisma’ l-ghajjat, pero ma

setax jarahom. Ra mbaghad lil ibnu Eric hiereg, u dan Melchiore jaghtieh. Xehed illi kien hemm bankina, it-tnejn marru lura, waqghu go xulxin u Dimech beda jaghti lil ibnu. Qal ukoll illi dan Dimech kellu subajn Eric go halqu. Xehed illi meta rah jaghti lil ibnu, kien anke ser jaghti lil Dimech daqqa ta' sieq go rasu. Qabad lil Melchiore (Malcolm) minn ghonqu. Xehed ukoll illi Rita dahlet ghall-mobile li nesiet gol-hanut, u dan Melchiore, ghax Eric kien inqala' minn tahtu bl-ghajnuna ta' dan ix-xhud, dahal ghaliha u beda jaghtieha go rasha b'oggett.

Maghluqa l-provi, il-Qorti semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi certament rizultat ta' din il-glieda, Dimech sofra griehi ta' natura gravi - ksur f'imniehru; u l-konjugi Borg – Eric u Rita rispettivament, jidher illi sofrew griehi ta' natura hafifa.

Jidher illi dan il-litigju nqala' ghaliex dan Dimech ma onorax il-ftehim li kellu dwar xi fridge, il-prodotti li jqiegħed fiha, kif ukoll naqas illi jaghti lura l-istess lis-socjeta' Food Packing Ltd.

Jaqblu l-konjugi Borg u anke missier Eric, illi kien hemm ftehim li dawn jingabru. Jidher illi dan ix-xoghol beda jsir fl-assenza tal-istess Dimech, li donnu darba li wasal fil-hanut tieghu, ghax cempillu l-lavrant Wayne, agixxa b'mod aggressiv lejn Rita Borg. Minn hawn 'l hemm, inqalghet il-glieda.

Pero din il-Qorti, m'ghandha ebda prova cara li r-rissa li segwiet bejn l-irgiel - jekk rissa kienet, jew l-attakk li Dimech u l-lavrant Wayne allegatament ghamlu fuq Eric, min fil-fatt beda, u wisq anqas min fil-fatt kiser imnieher Dimech.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda tillibera lil Eric Borg mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------